MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-6 ta' Mejju, 2008

Citazzjoni Numru. 1731/2000/1

**Debattista Mary mart Calcidon: (I.D. numru 778750 M) u ghall-kwalsiasi nteress li jista' jkollu zewgha Debattista Calcidon.**

**vs**

**1. Gauci Carmelo *sive* Gauci Charles: I.D. Numru 323758 (M);**

**2. Ciappara Sonia mart John Mary *sive* Ciappara Debattista Sonia: I.D. Numru 203973 (M);**

**3. Elizabeth *sive* Liz Gauci, mart il-konvenut Carmelo *sive* Charles Gauci ghal kull interess li jista' jkollha: I.D. Numru 344859(M);**

**4. Ciappara John Mary *sive* Ciappara Jesmond ghal kull interess li jista' jkollu I.D. Numru 38369 (M).**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 21 ta' Awissu 2000 a fol. 1 tal-process, u pprezentata quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Joseph R. Micallef fejn gie premess:-

Illi l-atturi l-ewwel u qabel kollox jirreferu ghad--dikjarazzjoni guramentata tal-attrici Debattista Mary mehmuza ma' din ic-citazzjoni odjerna, u ghaldaqstant ghal dawk li huma fatti bazici li ghalihom u dwarhom din il-kawza qed issir, tali dikjarazzjoni guramentata ghandha ghal kull buon fini fil-fatt u fid-dritt titqies bhala li tifforma parti minn dawn il-premessi.

Illi, ghaldaqstant, it-talbiet attrici f'din il-kawza odjerna jirreferu limitatament ghall-incident vjolenti kkagunat mill-konvenut Carmelo *sive* Charles Gauci kif debitament assistit mill-konkubina tieghu Sonia Debattista (li tigi l-ewwel bint tal-atturi ossia' Mary Debattista u zewgha Kalcidon Debattista), u fejn l-istess attrici qed titlob ghal-likwidazzjoni tad-danni kagunati lilha mill-istess konvenut Carmelo Gauci kif assistit fil-komplicita minn Sonia Ciappara Debattista.

Illi ghal kull *buon fini* fil-fatt u fid-dritt gew imharka wkoll bhala konvenuti Elizabeth *sive* Liz Gauci li hija l-mara legalment mizzewgha lil Carmelo Gauci u li l-istess Carmelo Gauci abbandunaha u ghaldaqstant hija sseparata *'de facto'* minnu, u din ghal kwalsiasi nteress li jista' jkollha *stante* li legalment ghadha mizzewgha lill-istess Carmelo Gauci; kif ukoll gie mharrek ukoll John Mary Ciappara *sive* Desmond Ciappara li huwa r-ragel ta' Sonia Ciappara Debattista u li bejn dawn tal-ahhar hemm diga' proceduri ta' separazzjoni legali pendenti quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Civili u diversi kawzi ohra pendenti

relatati u nkonnessjoni mat-tifrik irremedjabbli taz-zwieg tal-konjugi Ciappara kagun unikament ta' l-adulterju u vjolazzjonijiet ohra skond il-ligi da parti tal-konvenuta odjerna Sonia Ciappara Debattista.

Illi b'rizultat tal-incident ta' nhar is-Sibt, ghaxra ta' April, tal-elf disa' mija disa' u disghin (10.04.1999), l-attrici sofriet dizabbilita' permanenti f'idejha l-leminija u b'mod partikolari fil-pala tal-idejn fejn specjalment is-saba’ il-kbir u t-tieni saba’ tal-id il-leminija gew dizabilitati prattikament mija fil-mija u anke s-sistema tan-nervitura f'dik il-parti tal-pala tal-id il-leminija huma mejta ghal kollox b'mod l-attrici Mary Debattista ma tistax taghmel uzu u tgawdi jdejha l-leminija u li fixklet serjament hafna mill-attivita' li setghet taghmel qabel Mary Debattista, b'mod illi llum ghal certi affarijiet l-istess Mary Debattista qed ikollha l-htiega ta' assistenza ta' terzi persuni, li prattikament f'dan l-istadju u safejn ikun possibbli, qed tghina t-tieni tifla taghha ossia' Charlene Debattista.

Illi minhabba dan l-incident kagunat minn vjolenza fizika fuq il-persuna ta' Mary Debattista, Mary Debattista sofriet danni konsiderevoli, kellha taghmel operazzjoni u kif jindikaw id-diversi dokumenti ezebiti ma’ din il-kawza odjerna fl-elenku tad-dokumenti, sostenuti mid-Dikjarazzjoni Guramentata tal-istess Mary Debattista u provi ohra li jittresqu fil-mori ta' din il-kawza, l-attrici Mary Debattista sejra tibqa' permanentament dizabilitata u ghaldaqstant l-attrici qed titlob il-likwidazzjoni ghad-danni gja' sofferti minnha, li qed issofri u li ghad tista' ssofri kagun tac-cirkostanzi kollha mertu tat-talbiet attrici f’din ic-citazzjoni odjerna.

Illi l-istess attrici ntavolat proceduri kriminali minhabba dan l-incident kontra Carmelo Gauci u Sonia Ciappara Debattista, liema proceduri hadu l-forma ta' kumpilazzjoni fuq insistenza tal-avukat Dr. Emmy D. Bezzina ghal-parte civili u presenzjalment fil-mument tal-prezentata u l-intavolar ta' din ic-citazzjoni odjerna, dawn il-proceduri jinsabu differiti ghal kull eventwali kontro-ezami u trattazzjoni finali da parti tal-parte civili ghal nhar l-Erbgha,

sitta' ta' Settembru, elfejn (06.09.2000), f'Awla Numru 3, quddiem il-Magistrat Jacqueline Padovani Grima LL.D.

Illi *stante* li Mary Debattista kienet qed taghmel funzjoni mportanti hafna li tghin lil John Mary Ciappara maghruf bhala Jesmond Ciappara, bhala r-ragel ta' bintha li ghar-ragunijiet indikati brevement f'din ic-citazzjoni odjerna pero'
esplorati f'ferm aktar dettal f'citazzjonijiet ohra, u ossia minhabba li Sonia Ciappara Debattista abbandunat id-dar konjugali u qed tikkonkubina f'relazzjoni adultera ma' Carmelo Gauci, apparti minn ragunijiet ohra, Mary Debattista kienet qed tghin lil John Mary Ciappara biex dan jiehu hsieb liz-zewgt itfal li ghandu ossia' Brandon Lee Ciappara li llum ghandu seba' snin u Shanice Ciappara li llum ghandha kwazi hames snin, u b'rizultat ta' dan l-incident vjolenti fuq il-persuna tal-attrici Mary Debattista nhar is-Sibt, ghaxra ta' April, tal-elf disa' mija disa' u disghin (10.04.1999), dan fisser li din l-assistenza Mary Debattista kellha tnaqqasha sostanzjalment, b'mod illi impieg li kien imhejji ghal Charlene Debattista kellu jitwarrab, biex limsemmija Charlene Debattista tkun tista' tassisti lil ommha minhabba dawn ic-cirkostanzi kkagunati mill-firda *'de facto'* bejn Sonia Ciappara Debattista u Jesmond Ciappara.

Illi Charlene Debattista effettivament kienet sejra tkun impjegata imma minhabba dan l-incident ommha l-attrici kellha zzommha maghha biex tassistiha, u ghaldaqstant iddanni li qed titlob Mary Debattista ghandhom jinkludu wkoll il-likwidazzjoni ta' din l-assistenza li ghandha htiega ghaliha l-attrici Mary Debattista, danni illi jridu jigu likwidati minn esperti nominati minn din l-Onorabbli Qorti jekk ikun il-kaz.

Illi, brevement Mary Debattista qed titlob specifikatament kwalsiasi forma ta' danni sofferti minnha bil-konsegwenzi kollha illi l-incident vjolenti tal-ghaxra ta' April, tal-elf disa' mija disgha u disghin (10.04.1999), gab mieghu u fuq il-persuna ta' Mary Debattista u bil-konsegwenzi fuq il-familjari mmedjati taghha, inkluz l-istess zewgha u l-istess bintha Charlene Debattista apparti min-neputijiet Brandon

Lee Ciappara u Shanice Ciappara u zewgt bintha Sonia Ciappara Debattista, u dawn id-danni Mary Debattista tridhom minghand il-konvenut Carmelo Gauci u bhala l-komplici konkubina tieghu minghand bintha Sonia Ciappara Debattista.

Illi l-atturi Debattista qeghdin jaghmluha cara li huma harku lil Elizabeth *sive* Liz Gauci u lil John Mary Ciappara maghruf bhala Jesmond sempliciment ghal kwalsiasi nteress li jista' jkollhom u ghal kull *buon fini* fil-fatt u fid-dritt xejn ma jostakola li dawn il-proceduri jkomplu mixjin kontra Carmelo Gauci u Sonia Ciappara Debattista, imma mehud inkonsiderazzjoni li dawn iz-zewg konvenuti huma t-tnejn legalment mizzewgin, kif effettivament ghadhom sal-mument tal-intavolar ta' din ic-citazzjoni odjerna, u ghad mhux mifrudin legalment imma sempliciment *'de facto'.*

Illi dan kollu l-atturi qeghdin jitolbu li m'ghandhom ibatu ebda forma ta' spejjez fir-rigward tal-intavolar ta' dawn il-proceduri u kwalsiasi proceduri ohra direttament jew indirettament konnessi maghhom, kemm sussegwenzjalment kif ukoll bhala atti incidentali jew ancillari.

Illi dan kollu, u prevja d-dikjarazzjoni li t-tort uniku tal-incident vjolenti in kwistjoni li sehh nhar is-Sibt, ghaxra ta' April, tas-sena elf disa' mija disgha u disghin (10.04.1999), kien tal-konvenut Carmelo *sive* Charles Gauci kif assistit mill-konkubina tieghu l-konvenuta l-ohra f’din il-kawza odjerna u cioe' Sonia Ciappara Debattista.

Illi ghalhekk l-istess atturi talbu lill-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:-

1. Il-konvenut Carmelo *sive* Charles Gauci wahdu jew kif assistit mill-konkubina tieghu Sonia Ciappara Debattista kienu responsabbli ghall-incident vjolenti fuq il-persuna tal-attrici Mary Debattista fi Triq l-Isqof Labini gewwa Triq Naxxar fil-Blokk maghruf bl-isem "Sonia Flats", gewwa Birkirkara, fl-incident li sehh nhar is-Sibt, ghaxra ta' April, tas-sena elf disa' mija disgha u disghin

(10.04.1999), skond id-dettalji li jirrizultaw lil din l-Onorabbli Qorti fil-mori ta' din il-kawza,

2. B' rizultat ta' dan l-incident vjolenti fuq il-persuna ta' Mary Debattista, l-imsemmija Mary Debattista sofriet griehi f'gisimha u b'mod partikolari dizabilita' permanenti f'idejha l-leminija partikolarment il-palma ta' jdejha u specjalment fis-saba’ il-kbir u t-tieni saba’ u l-parti tal-madwar tal-istess swaba, dejjem fl-id il-leminija fil-persuna tal-attrici Mary Debattista;

3. B' rizultat ta' din id-dizabilita' permanenti sofferta mill-attrici Mary Debattista, Mary Debattista tilfet il-funzjonabbilita' normali ta' jdejha l-leminija b'mod illi dan il-fatt holoq inkonvenjenzi kbar lill-istess attrici, b'tali mod illi ghal certu affarijiet trid tkun bil-fors assistita minn terzi persuni;

4. Ghandhom jigu nominati periti esperti f'dan il-qasam, jekk il-Qorti jidhrilha xieraq u opportun, biex jevalwaw il- persentagg ta' dizabilita' u jikkonfermaw jekk din hijiex permanenti fl-idejn il-leminija tal-attrici Mary Debattista, u dan wara ezamijiet li huma jikkonducu fic-cirkostanzi fuq il-persuna tal-istess attrici, b'mod partikolari jdejha l-leminija specjalment f'dik il-parti li ma baqalha l-ebda sensazzjoni fiha;

5. B' rizultat tar-rapport ta' espert jew esperti nominati minn din l-Onorabbli Qorti jew indipendentement a bazi talprovi mismugha mill-istess Qorti, ghandhom jigu likwidati d-danni kollha sofferti mill-attrici, li sofriet, qed issofri u sejra tibqa' ssofri kagun ta’ din id-dizabilita' permanenti, liema danni ghandhom ikopru dak kollu li huwa incidentali u ancillari, konsegwenzjali u sussegwenzjali kkagunat mill-vjolenza maghmulha fuq il-persuna ta' Mary Debattista mill-konvenut Carmelo Gauci wahdu jew kif assistit minn Sonia Ciappara Debattista, fl-incident li sehh nhar is-Sibt, ghaxra ta' April, tas-sena elf disa' mija disgha u disghin (10.04.1999), gewwa Birkirkara;

6. Apparti mill-likwidazzjoni tad-danni li din il-Qorti tasal

ghaliha fid-dawl tal-provi li tkun semghet, prevja d-dikjarazzjoni li l-vjolenza fuq il-persuna tal-attrici Mary Debattista sehhet minn Carmelo Gauci unikament jew kif assistit mill-konkubina tieghu Sonia Ciappara Debattista, il-Qorti ghandha tipprovdi ghal kumpens finanzjarju ghall-kwalsiasi nterventi kirurgici li jista' jkun ghad fadal li jsiru fuq il-persuna ta' Mary Debattista u ghal kwalsiasi hlas ulterjuri ta' spejjez medikali, inkluz medicinali li jistghu jigu ordnati lil Mary Debattista fic-cirkostanzi u kagun tal-incident vjolenti mertu ta' din il-kawza odjerna, u l-Qorti ghandha tordna kif dawn l-ispejjez ulterjuri li jistghu jirrikorru ghandhom jigu mhallsa mill-konvenut Carmelo Gauci unikament jew jekk jirrizulta lil din l-Onorabbli Qorti kif assistit fil-komplicita` mill-konkubina tieghu Sonia Ciappara Debattista;

7. L-atturi m'ghandhom ibatu ebda forma ta' spejjez jew drittijiet, direttament jew indirettament konnessi ma' din ilkawza odjerna fir-rigward tat-talbiet attrici kif hawn qed jigu sollevati.

8. Il-konvenut Carmelo Gauci unikament jew kif assistit fil-komplicita` minn Sonia Ciappara Debattista ghandu jaghmel tajjeb ghall-ispejjez u pagi li riedu, u ghad iridu u ghad jistghu jibqghu jridu jithallsu lil terzi persuni b'rizultat tal-assistenza inevitabbli lil Mary Debattista ghandha htiega ghaliha biex tkun tista' tezegwixxi certu funzjonijiet li qabel setghet taghmilhom normalment, imma kagun tad-dizabilita' permanenti li rrizultalha f'idejha l-leminija dan illum ma tistax taghmlu, u dan b'rizultat tal-vjolenza li sehhet fuqha fl-incident ta' nhar is-Sibt, ghaxra ta' April tas-sena elf disa' mija disgha u disghin (10.04.1999) gewwa Birkirkara,

9. Fl-eventwalita' tal-kontumacja tal-konvenuti jew ta' xi hadd minnhom il-Qorti ghandha tinnomina kuraturi deputati biex jirrapprezentawhom fl-assenza taghhom, bl-ispejjez kollha inkorsi debitabbli lil dawk il-konvenuti jew lil min minnhom li jibqghu kontumaci f'din l-kawza odjerna;

10. Ghandhom jinghataw dawk il-provedimenti kollha u kwalsiasi provediment, jew direttiva li din l-Onorabbli Qorti

jidhrilha xieraq u gust li taghti u tordna fic-cirkostanzi u a bazi tat-talbiet attrici f'din ic-citazzjoni odjerna kif hawn fuq suesposti;

11. Id-dizabilita' permanenti fuq il-persuna ta' Mary Debattista kif tirrizulta mill-provi migjuba quddiem din l-Onorabbli Qorti saru esklussivament u unikament b'konsegwenza tal-attakk vjolenti fuq il-persuna ta' Mary Debattista mill-konvenut Carmelo *sive* Charlie Gauci unikament jew kif assistit fil-komplicita` mill-konkubina tieghu Sonia Ciappara Debattista;

12. Id-danni kif likwidati ghandhom jiehdu inkonsiderazzjoni mhux biss id-dizabilita' permanenti kagunata lil Mary Debattista, imma l-inkonvenjenza li nholqitilha fit-tgawdija tal-hajja taghha b'rizultat tad-dizabilita' f'idejha l-leminija, mehud inkonsiderazzjoni wkoll l-eta' ta' Mary Debattista, il-funzjonijiet u l-hidma li bi htiega kienet taghmel u li issa ma tistax taghmel, il-paga jew salarju ta' zewgha, u l-ispejjez u drittijiet li kellha thallas kemm lill-persuni professjonali kif ukoll lill-terzi persuni biex jassistuha fl-ezegwiment ta' funzjonijiet li b'rizultat ta' dan l-attakk vjolenti fuqha, l-istess attrici llum mhux f'qaghdha fizika li taghmel;

13. Ghandhom jittiehdu wkoll inkonsiderazzjoni d-danni psikologici u morali li gew ikkagunati fil-persuna u fil-psikologija tal-attrici Mary Debattista kagun ta' dan l-attakk vjolenti fuqha mill-konvenut Carmelo Gauci unikament u / jew kif assistit minn Sonia Ciappara Debattista.

Bl-ispejjes kollha, gudizzjarji u extra gudizzjarji, inkluz dawk ta' kwalsiasi proceduri diretti u ndiretti konnessi ma' dawn il-proceduri, bhala konsegwenzjali u sussegwenzjali, incidentali u / jew ancillari, fid-dawl tal-incident vjolenti fuq il-persuna ta' Mary Debattista nhar is-Sibt, ghaxra ta' April, tas-sena elf disa' mija disgha u disghin (10.04.1999), gewwa Birkirkara, u dawn kollha kontra l-konvenuti Carmelo *sive* Charles Gauci, u / jew Sonia Ciappara Debattista, li huma flimkien mal-konvenuti kollha li huma minn issa ingunti u mharrka INSUBIZZJONI.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attrici a fol. 12 sa fol. 26 tal-process;

Rat il-lista tax-xhieda u dokumenti esebiti u mmarkati minn minn Dok. "DM 1" sa Dok "DM 22" kif jidher minn fol. 27 sa fol. 119 tal-process;

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smigh minn din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Joseph R. Micallef ghas-seduta tal-14 ta' Novembru 2000.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta Elizabeth Gauci datata 18 ta' Ottubru 2000 a fol. 123 tal-process fejn gie eccepit:-

1. Illi l-esponenti ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju peress illi d-danni reklamati mill-allegat incident ma jifformawx parti mill-komunjoni tal-akkwisti ezistenti sallum bejn il-konjugi Carmelo u Elizabeth Gauci u dan a terminu tal-**artikolu 1327 (f) tal-Kodici Civili**.

2. Illi subordinatament fil-mertu l-esponenti tissottometti illi Carmelo Gauci telaq mid-dar konjugali fl-ahhar tal-1998 u ilhom separati *de facto* minn dak iz-zmien. Hi ma ghandha ebda kuntatt mieghu hlief *tramite* d-difensur legali taghha involut fis-separazzjoni personali. Hi ma taf xejn dwar l-incident mertu tal-kawza.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenuta Elizabeth Gauci a fol. 123 u 124 tal-process.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti Carmelo *sive* Charles Gauci u Sonia Ciappara datata 20 ta' Ottubru 2000 a fol. 126 tal-process fejn gie eccepit:-

(1) Preliminarjament illi c-citazzjoni odjerna tmur kontra dak stipulat fl-**artikolu 159(1) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta** in kwantu mhix fil-qosor u hemm tul esegerat u zejjed, u kif ukoll peress illi hemm diversi kummenti u hwejjeg mhux mehtiega u ghalhekk din l-Onorabbli Qorti

ghandha taghti kull provedimenti li jidhrilha opportuni *ai termini* ta’ l-**artikolu 19 (2) ta’ l-istess Kap 12**;

(2) Fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost, illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes kollha *stante*:

(a) Illi in kwantu ghall-ewwel talba l-konvenuti esponenti m’huma b’ebda mod responsabbli ghal kwalsiasi danni allegatament sofferti mill-atturi.

(b) Illi mhux minnu illi l-attrici sofriet xi dizabbilita` permanenti kif qed tallega fic-citazzjoni odjerna.
(c) Illi mbaghad u partikulari in kwantu ghad-disgha, l-ghaxra, l-hdax, it-tanx u t-tlettax-il talba, dawn huma insostenibbli u ghandhom jigu michuda.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kollha kontra l-atturi.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenuti Carmelo *sive* Charles Gauci u Sonia Ciappara a fol. 127 tal-process.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut John Mary *sive* Ciappara Jesmond datata 25 ta’ Ottubru 2000 a fol. 129 tal-process fejn gie eccepit:-

1. Illi preliminarjament in-nullita` tal-avviz ghas-smigh ta’ din il-kawza odjerna peress illi l-lok indikat fejn ghandha tinstema’ il-kawza huwa t-Tlieta, 14 ta’ Novembru 2000, f’ Awla X fl-10.00 a.m., meta ma hemm ebda Awla X fil-Bini tal-Qrati tal-Gustizzja tar-Repubblika ta’ Malta, u kwindi l-avviz ghas-smigh ta’ din il-kawza huwa null, kif hija nulla l-appuntament ta’ din l-Onorabbli Qorti ghal jum it-Tlieta, 14 ta’ Novembru 2000, fl-10.00 a.m., ghar-raguni ewlenija hawn indikata;

2. Illi l-eccipjenti Ciappara John Mary *sive* Ciappara Jesmond ghal kull interess li jista’ jkollu I.D. Nru. 38369 (M) ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju peress

illi d-danni reklamati mill-allegat incident ma jiffurmawx parti mill-komunjoni tal-Akkwisti ezistenti sallum bejn il-konjugi Ciappara Sonia mart John Mary, *sive* Ciappara Debattista Sonia: I.D. Nru 203973 (M) u l-imsemmi eccipjenti Ciappara John Mary *sive* Ciappara Jesmond ghal kull interess li jista' jkollu I.D. Nru. 38369(M), u dan ghat-terminu tal-**artikolu 1327 (f) tal-Kodici Civili**.

3. Illi subordinatament fil-mertu l-eccipjenti jissottometti illi Ciappara Sonia mart John Mary *sive* Ciappara Debattista Sonia telqet mid-dar konjugali fl-ahhar tal-elf disa' mija tmienja u disghin (1998) u ilhom separati *de facto* minn dak iz-zmien. Hu ma ghandu ebda kuntatt maghha hlief *tramite* d-difensur legali tieghu involut fis-separazzjoni professjonali. Hu jaf hafna dwar l-incident peress li kien involut huwa nnifsu meta hebb ghalih Gauci Carmelo *sive* Gauci Charles: I.D. Nru. 323758(M). debitament assistit mill-konvenuta l-ohra Ciappara Sonia: I.D. Nru. 203973(M), kif jelabora iktar fid-dikjarazzjoni guramentata tieghu, anke a bazi tax-xhieda li qieghda tinstema' quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Inkwerenti quddiem il-Gudikant Magistrat Dr. Jacquline Padovani Grima

4. Salvi eccezzjonijiet ohra ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenut John Mary Ciappara a fol. 122 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Joseph R. Micallef fejn fis-seduta ta' l-1 ta' Frar 2001 inghata provediment, fejn il-Qorti kif diversament presjeduta ddecidiet dwar l-eccezzjoni preliminari tal-konvenut Jesmond Ciappara billi cahditha u ordnat li jissokta s-smigh tal-kawza.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif hekk presjeduta tat-22 ta' Frar 2001 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. Mark Chetcuti. Il-Qorti nnominat lill-Assistent Gudizzjarju Dr. Vincent Galea biex jisma' l-provi kollha

dwar il-kaz bil-partijiet awtorizzati jipprezentaw ix-xhieda taghhom bl-affidavits.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Vincent Galea.

Rat l-avviz tal-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef David Scicluna fejn differixxa l-kawza.

Rat il-verbali tas-seduti kollha mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri fejn fis-seduta tal-24 ta' Gunju 2005 Dr. Ian Spiteri Bailey talab li jigi nominat Espert Mediku biex jezamina lill-attrici dwar il-kundizzjoni taghha llum rigward il-pretensjoni tad-dizabilita` permanenti. Il-Qorti, fl-interess tal-gustizja anke f' dan l-istadju laqghet it-talba u nnominat a spejjes provizorji tal-konvenut Carmel Gauci, lill-konsulent ortopediku Dr. Frederick Zammit Maempel bil-fakolta` li jezamina d-dokumenti medici nseriti fl-atti.

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet ta' l-attrici Mary Debattista datata 26 ta' Awissu 2004 a fol. 449 tal-process

Rat ir-rapport tal-Perit Mediku Frederick Zammit Maempel ipprezentat fir-Registru fil-14 ta' Settembru 2005 u mahluf *seduta stante* fis-seduta tas-7 ta' Ottubru 2005 kif jidher a fol. 558 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif hekk attwalment presjeduta fejn fis-seduta tal-5 ta' Gunju 2007 il-Qorti nnominat bhala Assistent Gudizzjarju lil Dr. Josette Demicoli u ordnatilha biex izzomm seduta wahda sabiex isir il-konfront quddiemha bejn l-Esperti Medici, b' dan li Dr. Ian Spiteri Bailey ghandu fi zmien hmistax-il jum (15) minn dan il-verbal biex jipprezenta bil-miktud id-domandi liz-zewg esperti.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Josette Demicoli, kif ukoll in-nota annessa fejn infurmat lill-Qorti li l-provi gew konkluzi.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem il-Qorti kif hekk presjeduta tal-1 ta’ Novembru 2007 fejn meta ssejhet il-kawza dehru d-difensuri tal-partijiet. Prezenti l-attrici. Id-difensuri prezenti talbu li jipprezentaw nota ta’ osservazzjonijiet. Il-Qorti laqghet it-talba u pprefiggiet terminu ta’ erbghin (40) gurnata lill-attrici biex tipprezenta n-nota ta’ osservazzjonijiet bil-visto/notifika lid-difensur tal-kontro-parti li jkollu erbghin (40) gurnata biex jirrispondi, mid-data tan-notifika tan-nota ta’ osservazzjonijiet, b’dan li jekk in-nota attrici ma tigix ipprezentata fit-terminu ndikat, it-terminu ghan-nota tal-konvenut jibda jghaddi mill-gheluq tat-terminu moghti lill-attrici. Il-kawza giet differita ghas-sentenza gfhat-30 ta’ April 2008, u wara thalliet ghas-sentenza ghas-6 ta’ Mejju 2008.

Rat in-nota ta’ osservazzjonijiet tal-attrici Mary Debattista datata 24 ta’ Dicembru 2007 a fol. 625 tal-process.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet finali tal-konvenuti Carmelo Gauci u Sonia Ciappara Debattista datata 30 ta’ Jannar 2008 a fol. 662 tal-process.

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat l-atti kollha pprezentati mill-partijiet u d-digrieti relattivi taghhom.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi din hija kawza fejn l-attrici qed tallega li fl-10 ta’ April 1999 hija sofriet dizabilita’ permanenti meta wegghet idejha l-leminija u in partikolari s-subghajn il-kbir u t-tieni saba’ ta’ l-id il-leminija u anke fis-sistema ta’ nervituri ta’ l-istess id u dan kawza ta’ incident vjolenti kkawzat mill-konvenut Carmelo *sive* Charles Gauci kif assistit mill-konkubina tieghu Sonia Debattista.

Illi l-ewwel punt li jrid jigi deciz huwa jekk l-istess dizabbilita' permanenti gietx ikkawzata mill-konvenut jew uhud minnhom u dan l-oneru ta' prova jispetta fuq l-attrici u dan peress li min jallega ghandu l-piz tal-prova.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li fid-9.00.a.m. l-konvenuta Sonia Debattista, li tigi t-tifla tal-attrici, marret fil-flat fejn toqghod l-attrici flimkien ma' Jesmond Ciappara, (ir-ragel ta' Sonia Ciappara) sabiex tigbor it-tfal taghha skond id-digriet tal-Qorti. L-attrici u Jesmond Ciappara nizlu isfel mill-flat taghhom u wrew ittra tal-avukat taghhom Dr. Toni Abela fejn informaw lill-istess konvenut li skond l-istess avukat taghha ma setghux jiehdu t-tfal jekk ma jkunx fil-presenza taghha jew tieghu, u wara li Sonia qalet li ma rieditx li t-tfal jigu akkumpanjanti minn dawn in-nies qabdet u telqet.

Illi l-attrici tghid li hija u Jesmond marru biex jitilghu it-tarag lura fil-flat u hija semghet lill-konvenut Charles Gauci niezel minn fuq u tghid li resqitlu sabiex jghaddi u dan billi qaghdet wara Jesmond, u kif waslu hdejn xulxin il-konvenut ta' *"daqqa b'idejh bic-cwievet fuq widnejn Jesmond"*, tghid illi marret biex izzomm lill-konvenut u dan *"qabadni minn idi u waddabni mat-tarag ghal bieb ta' barra u bqajt niezla u hbat idi mal-bieb tal-aluminium".* Tghid li Charlie kien il-hin kollu ma' l-art u hija bdiet kull darba zzomm lil Charlie milli jkompli jsawwat lil Jesmond, li beda l-hin kollu jaqbdu minn xahru u jaghtih fuq widnejh u lilha jwaddabha lura. Bdiet tghid lil Giorgia li kien kisrilha subajha, u resqu lejn il-bieb tal-hanut tieghu u beda jghajjat lil Sonia halli tohrog u din qabdet lil ommha u nehhietha minn fuq Charlie u wara certu Fredu Muscat zamm lil Charlie u beda jkellmu u dan wara li ta daqqa ta' sieq lil Giorgia Muscat u xxutjaha n-naha l-ohra.

Illi fid-dikjarazzjoni mac-citazzjoni f'paragrafu 14 tghid li *"Charlie Gauci kien li kkagunali din id-dizabilita' x'hin waddabni mit-tarag. Sonia Ciappara Debattista ma kenitx involuta, lili kemm qalbitni waqt li kont qed nipprova nzomm lil Charlie biex ma jkomplix issawwat lil Jesmond. Jiena dak il-hin kont bil-hass hazinijiet fuqi u qalbitni.*

*Charlie Gauci kien responsabbli ghad-daqqiet li kelli f'ideja meta beda jhabbatni mal-hajt".*

Illi l-istess hija tikkonferma fix-xhieda taghha datata 3 ta' Frar 2003 l-istess attrici tixhed li Charles Gauci mbotta bi spaltu lil Jesmond u tah ukoll daqqa fuq widnejh b'idejh li fihom kellhom ic-cwievet, u tghid li kienet hawn li *"x'hin rajtu qed jaghti lil Jesmond mort biex naqbad idejn Charlie Gauci halli ma jsawwatx lil Jesmond u hu hatafni mill-pala t'idi u waddabni t-tarag u nahbat mal-bieb u nibqa' hierga ghal fuq il-bankina"* (fol. 229). Tghid li hija bdiet tibki u tghajjat bl-ugiegh ghax kisrilha subghajha izda jidher li xorta wahda marret fuq il-konvenut Charles Gauci sabiex tnehhieh minn fuq Jesmond sakemm giet bintha u nehhietha hija minn fuqu. Mix-xhieda tal-istess attrici jirrizulta ppruvat li kien hemm kuntatt bejn l-istess konvenut Gauci u l-attrici li bih weggha lill-attrici kemm billi qabdilha idejha l-leminija u kemm billi mbuttaha u din habtet mat-tarag u mal-hajt.

Illi l-attrici kkonfermat l-istess involvilment tal-konvenut Carmelo Gauci fix-xhieda taghha quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Vincent Galea (fol. 198) fejn hija terga' tghid ghal darba ohra li l-kuntatt maghha sar minn Charles Gauci kien meta dan waddabha mit-tarag l-isfel.

Illi din l-istess xhieda hija kkonfermata mill-istess John Mary *sive* Jesmond Ciappara fl-affidavit tieghu tat-13 ta' Frar 2003 (fol. 326) fejn qal li Charles Gauci l-ewwel tah daqqa bi spaltu u mbaghad tah daqqa ta' ponn u x'hin Mary Debattista marret biex izommu biex ma jibqax itieh qabdilha subajha u waddabha ghall-isfel. Jirrizulta li Jesmond waqa' t-tarag u Carmelo Gauci nizel isfel u beda jsawtu u l-istess attrici ppruvat twaqqfu izda imbuttaha. Minn dan jirrizulta li certament kien hemm diversi kuntatti bejn l-istess konvenut Gauci u l-attrici u dan kemm waqt li l-istess kienet fuq it-tarag u wkoll meta l-istess Jesmond Ciappara twaqqa' mal-art u fejn l-attrici ttentat tiddefendi lill-istess Jesmond Gauci mill-aggressjoni li kienet qed issir mill-istess Carmelo Gauci fuq Jesmond Ciappara, glieda li fil-fatt tkompliet ukoll barra fit-triq, tant li hemm diversi xhieda prodotti mill-attrici li xehdu li l-istess

Carmelo Gauci baqa' jsawwat lill-konvenut Jesmond Ciappara barra t-triq u kien biss wara l-intervent tal-konvenuta Sonia Ciappara Debattista, li nehhiet lill-attrici minn fuq Carmelo Gauci, u wara li Alfred Muscat, gibed lill-istess Carmelo Gauci minn fuq Jesmond Ciappara li dan il-glieda giet fit-tmiem taghha.

Illi fix-xhieda taghha tas-17 ta' Frar 2003 (fol. 297) din l-istess Giorgia Muscat sostniet li l-intervent ta' Mary Debattista kien fuq it-tarag meta l-konvenut Carmelo Gauci qabadha minn idejha l-leminija u spjegat fl-istess affidavit b'mod konvincenti kif l-istess konvenut Carmelo Gauci qabad lill-attrici minn idejha u waddabha l-ahhar erba' targiet u habtet mal-bieb tant li bdiet tghajjat "ajma subghajja nahseb kisiruli", u jidher li l-istess kuntatt rega' sehh meta l-attrici rat li Charles Gauci xorta wahda baqa' jiggieled ma' Jesmond tant li kien fuqu fit-triq, u l-attrici jidher li xorta wahda ppruvat tiddefendi lill-istess Jesmond Ciappara, sakemm bintha Sonia nehhieta minn fuqu.

Illi x-xhud Anna Mallia fl-affidavit taghha (fol. 308) tas-17 ta' Frar 2003 tghid li Mary Debattista marret biex izomm lil Charlie Gauci u dan hatfilha jdejha l-leminija, ghawwigilha, dawwarha u tefaghha l-erba' targiet ghal mal-bieb tal-aluminium; tghid li l-attrici bdiet tghajjat b'subghajha telghet 'il fuq fil-*flat* cemplet lill-Pulizija, u regghet nizlet u sabet lil Charles Gauci u lil Jesmond Debattista f'nofs ta' triq u lil Mary Debattista kienet qed tipprova tnehhi lil Charlie Gauci minn fuq Jesmond (fol. 310). Il-glieda spiccat kemm ghaliex il-konvenuta Sonia Ciappara Debattista nehhiet lill-attrici minn fuq Carmelo Gauci, u kif ukoll ghaliex  Alfred Muscat gibed lil Charles Gauci biex ma jkomplux jiggieled  u dan wara li ra lil Charles Gauci u Jesmond jiggieldu, l-ewwel wiehed fuq l-iehor fl-art barra. L-istess xhud fl-atti tal-kumpilazzjoni esebiti f'dan il-process (kemm mill-atturi u l-konvenuti) jghid ukoll li l-attrici kienet migugha tant li lmentat li kien kisrilha subaghajha.

Illi jidher lil-attrici mal-ewwel marret il-*polyclinic* ghaliex subaghajha f' idejha l-lemin kienet qed thoss ugieh f'idejha l-leminija izda jidher li ghalkemm ilmentat anke fuq

il-ligamenti tal-istess gie biss indikat li kellha feriti ta' natura hafifa izda dan salv komplikazzjoni u dan ikkonfermat mid-deposizzjoni ta' Dr. Martin Mallia (3.3.2000) fl-istess atti u fix-xhieda tieghu datata 14 ta' Mejju 2003 (fol. 348) fejn jghid li l-attrici kellha subaghajha l-kbir minfuh wara li wegghet waqt glieda. Jghid li ccertifika ruhu li ma kienx hemm ksur fl-ghadam, rizultat li kien ssusegwentement konfermat minn ezamijiet ulterjuri l-isptar, izda peress li l-istess ugiegh baqa' jippersisti giet riferuta ghand specjalista ta' l-ghadam.

Illi fil-fatt jirrizulta li kien hemm komplikazzjonijiet tant li hija baqghet tilmenta mill-istess ugiegh kemm l-isptar u kemm il-polyclinic sakemm giet riferuta ghand *orthopaedic surgeon* Mr. Carmel Sciberras (xhieda ta' 29.11.1999) li mill-ewwel qalilha li kellha qtugh fil-ligamenti (*collataral ligament* tat-*thumb* li kien maqtugh – Dok. "DM18" – fol. 115) u allura kellha bzonn intervent kirurgiku li sehh fit-22 ta' Gunju 1999 (Dok. "DM11") u giet suggetta ghall-terapija (Dok. "DM21") u sahansitra kien hemm bzonn li jsirilha intervent iehor fil-5 ta' Novembru 2001 ghaliex is-saba' baqa' mhux stabbli fejn jidher li mmeljora s-sitwazzjoni taghha izda fejn l-istess attrici baqghet issofri disabbilita' permanenti li skond l-istess Mr. Carmel Sciberras (Dok. "MD 1") ta' seba' fil-mija (7%) u jispjega li kieku giet qabel is-sitwazzjoni setghet kienet tkun ahjar ghall-attrici izda dwar dan lanqas jidher li wiehed jista' jghid dan b'certezza.

Illi dwar il-kwistjoni ta' responsabbilita' l-versjoni tal-konvenut Carmelo Gauci hija dik indikata minnu fl-affidavit datat 2 ta' Dicembru 2004 fejn jghid dak in-nhar kien niezel mill-flat tieghu u sab lill-attrici u Jesmond Ciappara fil-bieb ta' barra tal-*flat* u qal li ma setax jghaddi bihom u jghid li dar fuqu Jesmond Ciappara u tah daqqa ta' ponn u qabzet fuqu l-attrici u hass difrejha f'ghonqu u jghid li dan jidher car mir-ritratti Dok. "CG 1" sa Dok. "CG 2" u jghid li dawn baqghu ituh sa barra sakemm harget Sonia Ciappara u Alfred Muscat sabiex iwaqqafhom. Jghid li l-istess attrici qatt ma dehret wara l-incident li kellha xi haga tant li kien jaraha spiss minghajr faxxex u l-istess tghid Sonia Ciappara fl-affidavit taghha tat-2 ta' Dicembru 2004.

Illi din il-Qorti thoss li din il-versjoni tal-konvenut ma tistax tigi accettata u dan *stante* li l-istess giet kontradetta minn diversi xhieda prodotti mill-istess attrici u din il-Qorti thoss li fil-kuntest tal-provi kollha prodotti l-versjoni attrici giet effettivament ippruvata limitatament fil-konfront tal-konvenut Carmelo Gauci u dan peress li fuq kollox jirrizulta ppruvat li l-istess attrici sofriet l-istess griehi f'idejha kawza ta' l-aggressjoni tal-istess konvenut; f'dan il-kuntest jinghad, li wara li din il-Qorti ezaminat l-atti kollha ta' din il-kawza ma thossx li tista' tigi accettata t-tezi tal-konvenut li huwa bl-ebda mod ma kellu kuntatt mal-attrici – anzi jirrizulta mix-xhieda prodotti mill-istess attrici, li kuntatt kien hemm bejn il-konvenut u l-istess attrici u Jesmond Ciappara, u din il-Qorti ma thossx li tista' tghid li mill-atti processwali attwali, l-konvenut b'xi mod xejjen il-provi prodotti mill-attrici, iktar u iktar meta x-xhieda tal-konvenut Carmelo Gauci ma jirrizultax li giet ippruvata.

Illi f'dan is-sens din il-Qorti thoss li l-atti processwali jindikaw li kien l-agir tal-konvenut Charles Gauci li kkawza dannu fuq il-persuna tal-attrici u fl-istess sens jirrizulta ppruvat mill-attrici stess li l-konvenut biss ghandu jinzamm responsabbli ghall-istess, anke ghaliex ir-ritratti esebiti la jindikaw li l-istess griehi fuq il-konvenut saru mill-attrici u lanqas jippruvaw li f'dak il-mument l-attrici ma kenitx gja sofriet il-hsara f'idejha l-leminija. Fuq kollox il-provi kollha l-ohra juru li kien l-konvenut li aggredixxa lill-istess Jesmond Ciappara, u wkoll li kien l-istess konvenut li refa' idejh fuq l-attrici bil-mod kif indikat, u dan huwa kompatibbli wkoll max-xhieda tal-persuni medici u wkoll l-espert mediku li gie mqabbad mill-Qorti, fejn jirrizulta li l-hsara li sofriet l-istess attrici f'idejha hija kompatibbli ma' dak allegat minnha f'din il-kawza. Dan gie kkonfermat mill-istess espert mediku fl-eskussjoni tieghu datata 13 ta' Marzu 2007 (fol. 586).

Illi din il-Qorti hadet konjizzjoni tas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati datata 29 ta' Mejju 2001 fejn il-konvenuti, hemm l-imputati ma gewx misjuba hatjin tal-akkuzi hemm migjuba kontra taghhom, izda apparti li hemm separazzjoni netta fil-ligi nostrali bejn l-kamp

kriminali u l-kamp civili, din il-Qorti thoss li hija, kif obbligata mill-ligi, qed tibbazza l-konkluzjonijiet taghha limitatament fuq il-provi prodotti f'din il-kawza, u jinghad ukoll li f'dan il-kuntest il-grad ta' prova f'kawza civili u wkoll differenti mill-grad ta' prova f'kawza kriminali u fil-fatt iz-zewg processi huma ben separati u distinti minn xulxin.

Illi ghalhekk il-konvenut Carmelo Gauci qed jinzamm responsabbbli ghad-danni kkawzati lill-attrici fl-incident imsemmi li ghalih huwa kien unikament responsabbli; fl-istess waqt qed tigi liberata minn kull responsabbilta' fir-rigward ta' l-attrici l-konvenuta Sonia Ciappara u dan peress li hija fil-fatt l-attrici stess li teskludi r-responsabbilta' ta' l-istess permezz tal-14-il paragrafu tal-affidavit taghha fejn hija tghid li l-istess konvenuta ma kenitx involuta (fol. 17) u ghalhekk it-talbiet attrici fil-konfront tal-konvenuta Sonia Ciappara qed jigu michuda. Il-konvenuti l-ohra ma jirrizultax li kienu nvoluti f'dan l-incident u l-konvenuta Elizabeth Gauci ma tistax tinzamm responsabbli ghad-danni li ser jigu likwidati ghall-istess incident, u dan peress li anke jekk biss dak iz-zmien kienet separata *de facto* mill-konvenut Carmelo Gauci, l-komunjoni ta' l-akkwisti ta' bejniethom ma hijiex tenuta li taghmel tajjeb ghall-istess danni, u dan peress li l-istess danni huma naxxenti minn att li jikkostitwixxi reat u ghalhekk hemm l-applikazzjoni ta' l-**artikolu 1327 (f) tal-Kap 16** fil-konfront ta' l-istess konvenuta Elizabeth Gauci. Fi kwalunkwe kaz jidher li b'verbal datat 18 ta' Gunju 2003 l-attrici cediet l-atti l-kawza fil-konfront ta' Elizabeth Gauci.

Illi dwar l-ammont ta' dizabbilita' permanenti sofferta mill-istess attrici skond ir-rapport ta' Mr. Frederick Zammit Maempel huwa dak ta' 12% (fol. 558) u dan wara li kkonstata dak inidikat minnu fl-istess rapport fis-sens li l-erba' swaba' ta' l-id il-leminija kienu kollha normali ghall-kollox, izda sab li l-istess attrici garbet *soft tissue injury* tal-gog metakarpo-falangew tas-saba' l-kbir ta' idha dominanti leminija u li minkejja saritilha operazzjoni biex il-ligamenti u l-capsule jigu mehjuta, xorta wahda s-saba' baqa' jperper u spicca kellu jigi stabbilizzat billi l-gog tnehha u z-zewg ghadmiet gew imwahhlin flimkien, u jidher li meta giet ezaminta erba' snin wara l-operazzjoni l-

ghadam ghaqad sewwa u minghajr kumplikazzjoni, ghalkemm in-nerv digitali medjali ta' l-istess kien trawmatizzat u l-attrici ma thossx il-genb ta' gewwa sewwa.

Illi l-konkluzjoni kienet li hemm nuqqas ta' moviment fil-gog metakarpo-falangew tas-saba' l-kbir ta' idha dominanti leminija u dan itellef xi ftit fil-funzjoni tal-id, pero' dan ma jfissirx li l-attrici ma hija kapaci taghmel xejn, u dan peress li s-saba' gie mqieghed fil-posizzjoni funzjonali tieghu u ghalhekk l-id kapaci ghal ghemil kemm ta' qris kif ukoll ta' ponn (*pinch and power grip*) izda b'sahha mnaqqsa. In-nuqqas ta' *"forearm muscle wasting"* huwa xhieda li dan id-driegh mhuwiex imwarrab fil-hajja ta' kuljum taghha. In-nuqqas fin-nerv huwa permanenti w mhuwiex mistenni li jidbiddel fil-futur u ghalhekk sostna li l-istess attrici ghandha dizabbilita' permanenti ta' 12%.

Illi saru domandi u sottomissjonijiet fis-sens li kieku l-interventi li l-attrici kellha bzonn saru qabel il-grad ta' dizabbilita' kien ikun inqas izda l-perit mediku nominat mill-Qorti ma qabilx ma' dan u dan kif jirrizulta mir-risposta ghas-6 domanda in eskussjoni (fol. 387); kompla jghid ukoll li l-ugiegh u t-tul ta' zmien sabiex l-ugieh icedi ma ghandu x'jaqsam xejn ma' xi dewmien ta' zmien biex saru interventi kirurgici ghalkemm jista' jkun affettwat b'dak li jissejjah bhala *"unconscious blockage of the natural recovery*" kif spjegat fir-risposta ghas-7 domanda in eskussjoni (fol. 387); jirrizulta li l-istess espert mediku qal li ma jistax wiehed jindovina xjentifikament kemm tista' tirnexxi operazzjoni li ssir wara ftit jiem, u li fl-ahharnett l-istima tad-dizabbilita` kienet ibbazata fuq nuqqas ta' moviment komplet fil-gog tal-MC-P, nuqqas ta' moviment fil-gog IP tas-saba' l-kbir lemin u fuq in-nuqqas ta' sensazzjoni tad-*digital nerve medjali* tas-seba' l-kbir u l-ebda wahda minn dawn ma taghmel parti mill-*carpal tunnel syndrome* li ma dahlitx fl-istima tar-rata ta' dizabbilita' u fl-eskussjoni ulterjuri li saritlu, l-istess espert mediku kkonferma l-istess kif jidher a fol. 609 tal-process anke permezz ta' dak li huwa ndika bhala skala kontinentali (Dok. "FZM").

Illi jirrizulta wkoll mill-eskussjoni ulterjuri li saret lil istess perit mediku li peress li effettivament ladarba l-ewwel intervent kirurgiku sehh biss wara cirka xahrejn minn meta l-attrici wegghet idejha u mhux qabel, kien hemm probbabilta' li dan il-persentagg ta' dizabbilita' kien jonqos u izda dan biss fil-kaz kieku l-attrici kellha *complete tear* tal-*ligament* u dan ghaliex kieku s-saba' kien iperper mill-ewwel; izda ma jirrizultax li dan kien il-kaz u l-attrici qatt ma lmentat minn dan, b'dan allura li jirrizulta li l-ligament inqata' kollu biss wara, ghaliex ghall-ewwel l-istess attrici kellha biss *partial tear* u l-hsara grat iktar tard u dan sehh minkejja li l-istess saba' kien marbut jew *bandaged* u ghalhekk hija kienet qed tiehu kura sabiex hsara ulterjuri ma ssehhx (fol. 619).

Illi tenut kont tal-fatt li allura l-istess perit mediku kkonsidra li setgha jkun hemm tnaqqis fil-persentagg minnu moghti biss fil-kaz li kieku l-attrici kienet sofriet *tear* kompleta tal-istess ligamenti u b'hekk subajha kien iperper, haga li ma rrizultatx mill-provi, (u dan jispjegah kemm a fol. 607 u fol. 616 tal-process fl-eskussjonijiet tieghu nkluza dik ta' l-1 ta' Ottubru 2007), b'hekk din il-Qorti thoss li ghandha timxi fuq dizabbilita' permanenti ta' tnax fil-mija (12%) stabbilita mill-istess Perit Mediku Mr. Frederick Zammit Maempel.

Illi l-attrici kienet mara tad-dar u fis-sena 1999 hija kellha 49 sena u l-*minimium wage* ta' dak iz-zmien kienet ta' €110.37 (Lm47.38) u ghalhekk bl-applikazzjoni tal-*multipland* din il-Qorti ser taddotta bhala bazi ta' somma fuq f'hiex ghandha tinhadem is-somma dovuta lill-attrici fl-ammont ta' €121.13 (Lm52) u ghandu jigi applikat *multiplier* ta' hdax-il sena (11) u ghalhekk l-ammont dovut lill-attrici huwa s-segwenti:-

€121.13 x 52 x 11 x 12% = €8,316.
(Lm52 x 52 x 11 x 12% = (Lm3,569)).

Illi ma ghandu jsir l-ebda nuqqas ghal-*lump sum payment* u dan peress li l-incident sehh fis-sena 1999.

Illi rigwardanti spejjez li l-istess attrici ghamlet jirrizulta li hemm ricevuti medici ta' €27.95 (Lm12)-il wiehed a fol.

254, 256, 258, 270, 275 u 278 u ta’ €23.29 (Lm10) a fol. 259, 261, 262 u dan jammonta ghal €237.60 (Lm102). B’kollox ghalhekk l-istess attrici hija intitolata €8,553.13 (Lm3,671).

Illi saret talba wkoll ghas-sottomissjoni li peress li l-attrici ma setghatx iddur ma’ ommha hija thallas is-somma ta’ €11.65 (Lm5) fil-gimgha lill-Anna Mallia izda din il-Qorti thoss li dan ma jirriflettix danni attwalment sofferti mill-attrici u dan apparti li ma hemm prova ta’ xejn dwar dan u d-dikjarazzjoni f’dan is-sens ta’ Anna Mallia lanqas hija kredibbli.

Illi l-istess attrici sostniet li kien hemm it-telf tax-xoghol tat-tifla Charlene u dan ghaliex l-istess kienet kostretta tghina, izda dawn ma humiex danni ta’ l-attrici. Jinghad ukoll li l-attrici qalet ukoll li Jesmond jaghti lill-Charlene €46.59 (Lm20) sabiex tehodlu hsieb it-tfal tieghu u dawn certament ma humiex lanqas danni li jispettaw lilha.

Illi s-sottomissjonijiet l-ohra *da parte* tal-atturi ma humiex sostenibbli u ghalhekk din il-Qorti **tilqa’ biss l-ewwel, it-tieni, r-raba’, l-hames, it-tmien u l-ghaxar talba attrici** fil-konfront tal-konvenut Carmelo Gauci u dan fis-sens hawn deciz u fl-ammont ta’ tmient elef, hames mija u tlieta u hamsin Ewro (€8,553) (Lm3,671).

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talbiet attrici fil-konfront tal-konvenuta Elizabeth Gauci, u fil-waqt li tichad it-talbiet attrici fil-konfront tal-konvenuti Sonia Ciappara u John Mary Ciappara, u fil-waqt li **tichad it-tielet, is-sitt, is-seba’, it-tmien, id-disa’, t-tnax, u tlettax-il talba attrici u tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-hdax-il talba *stante* li din hija nkluza fit-tieni talba attrici, tilqa’ biss l-ewwel, it-tieni, r-raba’, l-hames, u t-tmien u l-ghaxar talba attrici biss fil-konfront tal-konvenut Carmelo Gauci u dan biss fis-sens hawn deciz,** b’dan illi:-

1. Tiddikjara li l-konvenut Carmelo *sive* Charles Gauci huwa responsabbli ghall-incident vjolenti fuq il-persuna tal-attrici Mary Debattista fi Triq l-Isqof Labini gewwa Triq Naxxar fil-Blokk maghruf bl-isem "Sonia Flats", gewwa Birkirkara, fl-incident li sehh nhar is-Sibt, ghaxra ta' April, tas-sena elf disa' mija disgha u disghin (10.04.1999) kif hawn deciz.

2. B' rizultat ta' dan l-incident vjolenti fuq il-persuna ta' Mary Debattista, l-imsemmija Mary Debattista sofriet griehi f'gisimha u b'mod partikolari dizabbilita' permanenti f'idejha l-leminija partikolarment f'id il-leminija fil-persuna tal-attrici Mary Debattista biss fil-limiti ta' kif hawn deciz.

4. u 5. Tilqa' l-istess talbiet attrici biss fis-sens hawn deciz b'dan li anke kif jirrizulta min-nomina ta' l-espert mediku l-ammont ta' danni sofferti mill-attrici Mary Debattista mill-konvenut Carmelo Gauci kif hawn deciz jammontaw ghas-somma ta' tmien t'elef, hames mija u tlieta u hamsin Ewro (€8,553) (Lm3,671).

8 u 10. Tilqa' dawn it-talbiet attrici biss fis-sens hawn deciz b'dan li tikkundanna lill-konvenut Carmelo Gauci ihallas lill-attrici l-ammont ta' tmien t'elef, hames mija u tlieta u hamsin Ewro (€8,553) (Lm3,671).

Bl-ispejjez tat-talbiet attrici li gew milqugha li ghandhom ikunu a karigu tal-konvenut Carmelo Gauci, b'dan li l-ispejjez tat-talbiet l-ohra mhux milqugha, u l-ispejjez tal-konvenuti l-ohra ghandhom jibqghu a karigu tal-istess atturi.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------